Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 29/2011

**Simon u Angela Delia**
**(appellati)**

**Vs**

**Joseph u Valerie Farrugia**
**(appellanti)**

6 ta' Ottubru, 2017.

1. Permezz ta' rikors[1] ippreżentat fit-28 ta' Jannar 2011, l-atturi talbu lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tikkundanna lill-konvenuti jħallsuhom l-ammont ta' tliet elef, disa' mija u ħdax-il Ewro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€3,911.59) rappreżentanti spejjeż ta' manutenzjoni u tiswijiet illi saru mill-atturi fir-residenza tagħhom kaġun tax-xogħlijiet li l-konvenuti agħmlu fir-residenza tagħhom, bl-ispejjeż inkluż dawk tal-ittra uffiċjali datata 18 t' Awissu 2009 (Ref. 3008/09) u bl-imgħax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti jew min minnhom.

2. Permezz ta' risposta[2] ppreżentata fis-17 ta' Frar 2011, l-konvenuti wieġbu illi filwaqt li huwa minnu li huma kienu agħmlu xi xogħlijiet fil-fond tagħhom bl-isem '*Jostoval*', Triq Piju X, Santa Lucia, irrespinġew l-pretensjonijiet avvanzati mill-atturi bħala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li skont rapport datat 14 ta' Settembru 2008 imħejji mill-Perit Vincent Magri,[3] ingaġġat mill-atturi, it-tiswijiet u l-manutenzjoni neċessarja sabiex jagħmlu tajjeb għall-ħsarat ikkaġunati mix-xogħlijiet tal-konvenuti kienu jammontaw għal tmien mitt Ewro (€800) u mhux għall-ammont pretiż mill-atturi. Minkejja li l-konvenuti bagħtu *cheque* lill-atturi in sodisfazzjon tal-ammont skonthom dovut, dan ġie rifjutat u konsegwentement l-konvenuti ddepożitaw ispsomma ta' disa' mija u erba' u erbgħin Ewro (€944) fir-Reġistru tal-Qorti permezz ta' ċedola ta' depożitu nru. 1504/09,[4] sabiex tkun tista tiġi liberament żbankata mill-atturi

[1] Fol. 1.
[2] Fol. 4 et seq.
[3] Fol. 6.
[4] Fol. 7.

in sodisfazzjon tal-pretensjoni tagħhom, liema depożitu ma ġiex żbankat. Eċċepew ukoll li l-atturi qegħdin jippruvaw jagħmlu arrikkiment indebitu bi pretiżi foloz u nfondati u t-talbiet tagħhom għandhom jintlaqgħu biss inkwantu għall-ammont ta' tmin mitt Ewro (€800).

3. Permezz ta' sentenza datata 10 ta' Ottubru 2016, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) iddeċidiet billi filwaqt li ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, laqat it-talba attriċi u kkundannat lill-konvenuti jħallsu s-somma ta' €3,911.59, bl-imgħax legali dekorribbli mit-18 ta' Awissu 2009 sad-data tal-pagament effettiv, bl-ispejjeż tal-proċeduri interament sopportati mill-konvenuti.

4. Minn din is-sentenza appellaw il-konvenuti u talbu lil din il-Qorti sabiex filwaqt li tilqa' l-appell tagħhom, tirrevoka u tħassar is-sentenza tal-Ewwel Qorti mogħtija fl-10 ta' Ottubru 2016 billi tiċħad it-talbiet tal-atturi u tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti.

5. Illi permezz ta' risposta datata 11 t' April 2017, l-appellati wieġbu li filwaqt li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma fl-intier tagħha, l-appell tal-konvenuti huwa frivolu u vessatorju u għandu jiġi miċħud.

**<u>Ikkunsidrat</u>:**

6. Illi l-<u>fatti</u> fil-qosor kif jirriżultaw mill-inkartament huma s-segwenti:

- Bejn Novembru tas-sena 2007 u Frar tas-sena 2008 l-konvenuti agħmlu xi xogħlijiet fir-residenza tagħhom, ossija, '*Jostoval*', Triq Piju X, Santa Lucia, liema fond huwa kantuniera u min-naħa ta' wara jmiss mar-residenza tal-atturi, *Ġiżimina*, Tower Promenade, Santa Lucia;

- Dawn ix-xogħlijiet kienu jinkludu t-twaqqiegħ tal-garaxx wiesgħa 12-il pied, li fuq in-naħa ta' wara tiegħu kien oriġinarjament inbena ħames filati ogħla mill-kumplament tal-ħajt diviżorju sabiex isir raff;

- L-atturi ma ppermettewx li jitwaqqgħu l-ħames filati żejda tal-ħajt ta' wara tal-imsemmi garaxx, ossja tal-ħajt diviżorju. Talbu iżda lill-konvenuti, li da parti tagħhom irrifjutaw, biex itellgħu l-kumplament tal-ħajt diviżorju l-istess ogħli sabiex dik il-parti li qabel kienet torbot mal-garaxx ma tkunx ta' periklu;

- Il-konvenuti appellanti agħmlu wkoll xogħlijiet ta' skavar ta' *basement* u *pool* li kkawżaw xi ħsarat fil-fond tal-atturi appellati;

- F'Novembru 2008 l-atturi bagħtu ittra legali lill-konvenuti fejn infurmawhom li l-ħsarat kienu jammontaw għal €800 skont l-istima maħruġa mill-perit tagħhom datata 14 ta' Settembru 2008;

- Fis-16 ta' Diċembru 2008 il-periti taż-żewġ partijiet ivverifikaw il-ħsarat u l-konvenuti aċċettaw li jħallsu s-somma ta' €800 *plus* VAT sabiex jagħmlu tajjeb għal dawn id-danni. Fil-fatt bagħtulhom *cheque* datat 19 ta' Diċembru 2008 f' dan l-ammont liema *cheque* ġie ritornat lilhom f'Lulju 2009 mhux imsarraf. Għalhekk l-istess somma kienet ġiet depożitata l-Qorti;

- Matul is-sajf tal-2009 l-atturi għamlu x-xogħlijiet rimedjali għall-ħsara li kellhom, inkluż ħsarat li ma kinux ġew elenkati fir-rapport surriferit tal-perit tagħhom, u tellgħu l-kumplament tal-ħajt diviżorju bi teltt filati kif kien meħtieġ sabiex ma jibqax iperper u ta' periklu;

- Fis-27 ta' Frar 2010 l-konvenuti rċevew ittra oħra li permezz tagħha ġew mitluba jħallsu s-somma ta' €3,911.95 rappreżentanti provvista u tqegħid ta' *skirting* man-naħa tal-fond li tmiss mal-fond tal-konvenuti, sehem ta' nofs l-ispejjeż għal disa' piedi bi tlett filati ogħli ħajt tal-appoġġ, xogħol ta' tikħil u tibjid fuq in-naħa ta' ġewwa u fil-faċċata ta' wara tad-dar, inkluż il-kiri ta' *scaffolding* kif ukoll drittijiet professjonali mħallsa lill-Perit Vinċenti Magri, liema somma huma m' aċċettawx li jħallsu.

7. Illi permezz tal-ewwel parti tal-aggravju tagħhom il-konvenuti appellanti jikkontendu li l-istima tal-Perit Vincenti tal-14 ta' Settembru 2008 saret sabiex ikun hemm qbil dwar l-entità tax-xogħol u l-valur ta' tali xogħol. Li jkun hemm diskrepanzi huwa aċċettabbli iżda li jkun hemm avariji mhux. Skont il-konvenuti appellanti, l-insenjament tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet ***Marco Buttiġieg et vs Rose Cini*** deċiża fis-17 ta' Novembru 2004 li fuqu straħet l-Ewwel Qorti, huwa intiż biex dawk id-diskrepanzi li huma reali m'għandhomx jiġu assorbiti minn min issubixxa d-dannu u mhux li jekk hemm diskrepanzi, jkunu xi jkunu, dment li m' hemmx kappriċċożità, dawn għandhom jitħallsu. Isostnu għalhekk li huma għandhom iħallsu limitatament għal dwak ix-xogħlijiet relatati mal-ħsarat kaġunati minnhom.

8. F'dik is-sentenza ntqal:

> *'il-Qorti ma tistax taċċetta bħala sottomissjoni valida l-aċċenn li sar mill-appellanti għal fatt li l-ispiża nkorsa għall-panel beating u spray kienet teċċedi l-ammont stmat mis-surveyor. Il-Qorti tħoss li min iġarrab il-ħsara b'*

*konsegwenza tan-negligenza ta' ħaddiehor ma jistax, u ma għandux, jitgħabba bi tnaqqis ta' riżarċiment jekk fil-fatt ikun ġie determinat u provat, mingħajr ebda kontestazzjoni, li tali danni jkunu fil-fatt tbatew u l-ispiża għalihom effettivament inkorsa. Dan anke jekk jirriżulta li l-ispiza tkun tissupera l-ammont stabbilit mis-surveyor. Tibqa' dejjem, fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, regola sana illi f' materja ta' riżarċiment ta' danni, id-danneġġjat għandu jkollu d-dritt jikkonsegwixxi riżarċiment effettiv li jirrientegra l-patrimonju tiegħu minn kull konsegwenza ekonomika ta' l-event dannuż. Dan dejjem, s' intendi, ma jiġix xort' oħra pruvat illi d-diskrepanza, bejn l-istima u l-ħlas rapprezentat mir-riċevuta, ma tkunx waħda kapriċċjuża jew, agħar, l-effett ta' aġir doluż.'*

9. Isegwi minn dan li l-Ewwel Qorti kienet korretta fl-evalwazzjoni tagħha li, minkejja li l-ammont pretiż mill-atturi permezz ta' dawn il-proċeduri bħala rappreżentanti l-ispejjeż minnhom inkorsi biex issir ir-riparazzjoni u manutenzjoni neċessarja għat-tiswija tal-ħsarat kaġunati fil-fond tagħhom b' konsegwenza tax-xoghlijiet li saru mill-konvenuti, jiżboq bil-bosta l-istima magħmula mill-Perit Vincent Magri fir-rapport tiegħu datat 14 ta' Settembru 2008:

*'B' daqshekk però ma jfissirx li għaliex il-Perit Magri kien fl-14 ta' Settembru 2008, għamel stima tal-valur tax-xogħol riparatorju neċessarju fl-ammont ta' €800, l-atturi issa, una volta li effettivament saru tali xogħolijiet riparatorji, ma jistgħux jitolbu d-dannu kollu minnhom effettivament inkors, dement, ovvjament, li jippruvaw b' mod sodisfaċenti li t-talba tagħhom ma hijiex waħda kapriċċuza jew agħar minn hekk, intiża biex jagħmlu arrikkiment inġustifikat a skapitu tal-konvenuti.'*

10. F' dan l-isfond, wara analiżi bir-reqqa tal-pretensjoni tal-atturi, l-Ewwel Qorti kienet tal-fehma li t-talba tal-atturi mhijiex kapriċċuża jew intiża biex jagħmlu arrikkiment inġustifikat a skapitu tal-konvenuti iżda hija pretensjoni leġittima għar-riżarċiment tad-danni minnhom effettivament subiti u nkorsi b' konsegwenza tax-xogħlijiet eżegwiti mill-konvenuti fil-fond tagħhom.

11. Effettivament, mix-xhieda ta' l-attriċi u mid-dokumenti eżibiti minnha jirriżulta li s-somma pretiża ta' €3,911.59 tikkonsisti fis-segwenti:

**(i)** fis-somma ta' €826 flimkien mal-VAT – b' kollox **€974.68** għal xogħol ta' tikħil u żebgħa fuq ġewwa fir-residenza tagħhom. Dwar dan l-ammont l-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

*' ... s-somma ta' €974.68 li tirrappreżenta x-xogħol ta' tikħil u tibjid fuq ġewwa minħabba l-konsenturi li ħarġu waqt l-esekuzzjoni tax-xogħlijiet fil-fond tal-konvenuti ... hija qrib ħafna ma' l-istima tal-Perit Magri u in prinċipju aċċettata mill-konvenuti'*

**(ii)** fis-somma ta' €185 flimkien mal-VAT – b' kollox **€218.30** rappreżentanti l-provvista u tqegħid tal-iskirting man-naħa tal-fond li tmiss mal-fond tal-konvenuti. Dwar dan l-ammont l-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

> *'Fir-rigward ta' l-iskriting l-attriċi xehedet illi 'bdejt ninduna wkoll illi l-iskirting tal-ħajt li jmiss man-naħa tal-konvenut kien inqata' tant li kien jinħass vojt imbagħad maż-żmien bdew jaqgħu biċċiet minnu. Irrid ngħid li l-iskirting mal-ħitan l-oħra illi kienet saret fl-istess żmien ta' l-iskirting l-oħra tan-naħa tal-konvenut ma ġralu xejn u baqa' l-istess.' Dak affermat mill-attriċi ġie kkonfermat u kkoroborat minn Philip Chircop li kien il-persuna li esegwixxa x-xogħlijiet rimedjali fil-fond ta' l-atturi. F' tali rigward huwa xehed illi 'fil-ground floor kien hemm l-iskirting man-naħa ta' l-appoġġ ma' terzi li kien litteralment maqlugħ minn mal-ħajt. Jiena tkellimt mal-perit ta' l-atturi u anke ħriġt quotation tax-xogħlijiet li kellhom isiru, nimmagina li l-perit dawn il-quotations rahom u aħna finalment spiċċajna biex għamilna x-xogħol riparatorju kollu meħtieġ'.*

**(iii)** fis-somma ta' €1,650 flimkien mal-VAT – b'kollox **€1,947.00** rappreżentanti kiri ta' scaffolding u xogħol ta' tikħil u żebgħa biex jingħalqu l-konsenturi li ħarġu fil-faċċata ta' wara tad-dar. Dwar dan l-ammont l-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

> *'Fir-rigward tal-ħsarat fil-faċċata ta' wara tal-fond tagħhom, l-attriċi xehdet illi 'fl-2009 jiena kont iddeċidejt li nagħmlu x-xogħol rimedjali għall-ħsara illi kellna. Il-parti tal-ħajt li aħna tellajna jien ridt niksiha fuq in-naħa tagħna bis-sejjieħ biex tiġi taqbel mal-kumplament. Meta' l-bennej kien qed jagħmel dan ix-xogħol huwa nduna li l-ħajt ta' wara tad-dar kien fih ħafna konsenturi. Jiena għall-ewwel għidtlu biex ma jkomplix iżidli problemi iżda huwa qalli li kellna naraw x'ser nagħmlu għar-raġuni li mbagħad fix-xitwa kien jidħolli ħafna ilma. Fil-fatt imbagħad jiena ħadt ritratti tal-ħsarat li ġià konna bdejna nsofru għaliex f' kamra minnhom, li tiġi l-kamra tat-tieqa li tidher f' wieħed mir-ritratti li qed nesebixxi, ġià kienet bdiet dieħla l-umdità. Għalhekk kellna nerġgħu nifthu l-fili kollha u jitkaħħlu mill-ġdid.' Dak affermat mill-attriċi jinsab ikkonfermat u kkoroborat mhux biss mir-ritratti esebiti minnha markati Dok. "AD15" a fol. 49 sa' 52 tal-proċess iżda anke minn Philip Chircop li in rigward xehed illi 'fil-faċċata ta' wara kien hemm ix-xogħol li konna għamilna aħna' (ossia xogħlijiet li l-atturi kienu esegwew fil-fond tagħhom fi żmien qabel ma l-konvenuti esegwew ix-xogħlijiet meritu ta' dawn il-proċeduri). 'Kellu ħsara wkoll fis-sens ta' konsenturi, kif ukoll xi lavur tal-ġebel illi l-istess ġratlu l-ħsara'.*
>
> *Il-konvenuti jirribattu għal dawn il-pretensjonijiet mhux biss bl-affermazzjoni li skond l-istima tal-Perit Magri l-valur tax-xogħol rimedjali meħtieġ kien ta' €800 flimkien mal-VAT fuq il-materjal u xogħol, iżda wkoll bl-affermazzjoni skjetta li l-atturi effettivament qed jippruvaw inġustament jarrikkixxu ruħhom a skapitu tagħhom (ossia tal-konvenuti) billi jitolbu ħlas għal xogħlijiet li huma għamlu minn jeddhom u b' volontà unika tagħhom meta fl-2009 – ossia xi żmien wara li l-konvenuti lestew ix-xogħlijiet tagħhom – għażlu li jagħmlu xi alterazzjonijiet fil-fond tagħhom ...*

*Dak allegat mill-konvenut però ma jirriżultax debitament u sodisfaċentement ippruvat. Apparti l-fatt li l-ħsarat deskritti mill-attriċi u minn Philip Chircop kemm fl-iskirting kif ukoll fil-faċċata ta' wara tal-fond ta' l-atturi huma ħsarat affini għal ħsarat riżultanti b' konsegwenza ta' tħaffir f' fond adjaċenti għal dak ta' l-atturi, Philip Chircop li, jiġi ribadit, esegwixxa x-xogħlijiet kollha fil-fond ta' l-atturi, ossia kemm dawk rimedjali kif ukoll dawk ulterjuri voluti mill-atturi, kjarament iddikjara li l-kontijiet maħruġa minnu u esebiti a fol. 107 u 108 tal-proċess (kif ukoll a fol. 55 u 56 tal-proċess) jirreferu esklussivament għax-xogħlijiet rimedjali u mhux għax-xogħlijiet ulterjuri esegwiti mill-atturi.'*

**(iv)** fis-somma ta' **€363** rappreżentanti drittijiet professjonali mħallsa lill-Perit Vincent Magri. Dwar dan l-ammont l-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

*'In kwantu rigwarda s-somma ta' €363 rappreżentanti drittijiet professjonali imħallsa mill-atturi lill-Perit Vincent Magri, jiġi mill-ġdid osservat illi 'd-danneġġjat għandu dritt jikkonsegwixxi riżarċiment li jirrientegra l-patrimonju tiegħu minn kull konsegwenza ta' l-even dannuż.' Mil-provi prodotti u mill-atti proċesswali jirriżulta bl-iktar mod ċar li l-Perit Magri ġie inkarigat mill-atturi bl-iskop speċifiku li jassisstihom fil-kwistjonijiet li inqalgħu bejnhom u l-konvenuti b' konsegwenza tax-xogħlijiet esegwiti mill-istess konvenuti fil-fond tagħhom. In effetti mill-kont maħruġ mill-Perit Magri, esebit bħala Dok. "AD17" a fol. 53 tal-proċess, jirriżulta b' mod ċar li s-somma ta' €363 tirrappreżenta drittijiet professjonali għal servizzi minnu reżi lill-atturi vis-à-vis il-fond Ġizimina, Tower Promenade, Santa Lucia, ossia il-fond ta' l-atturi, in konnessjoni max-xogħlijiet esegwiti fil-fond tal-konvenuti "Jostoval" No.1, Triq San Piu X, Santa Lucia. Ikkunsidrat dan għalhekk fid-dawl tal-prinċipju ġuridiku appena ċitat jsegwi li l-atturi effettivament għandhom jedd jiġu rimborsati mill-konvenuti is-somma ta' €363 rappreżentanti drittijiet professjonali minnhom imħallsa lill-Perit Vincent Magri.'*

**(v)** fis-somma ta' €345.91 flimkien mal-VAT – b' kollox **€408.17** rappreżentanti nofs il-valur tal-ħajt ta' l-appoġġ, senjatament ta' għoli ta' tlett filati, li huma kienu kostretti jkomplu jtellgħu minħabba x-xogħlijiet esegwiti mill-konvenuti. Dwar dan l-ammont l-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

*'Mill-provi prodotti jirriżulta inkontestat il-fatt li hekk kif il-konvenuti waqqgħu l-garage tagħhom parti mill-ħajt bejn iż-żewġ fondi spiċċat mhux marbuta bil-konsegwenza li kif kienet kienet ta' perikolu. Bħala fatt jirriżulta ukoll li kienu l-atturi li a spejjez tagħhom tellgħu tlett filati oħra fuq il-ħajt bejn iż-żewġ fodni biex b' hekk il-parti li spiċċat mhux marbuta hekk kif twaqqa' l-garage tal-konvenuti ġiet debitament marbuta. L-atturi jikkontendu li siccome il-ħajt in kwistjoni huwa komuni bejnhom u l-konvenuti, l-istess konvenuti għandhom iħallsu nofs il-valur ta' dawn it-tlett filati li jammonta għal €408.17. Il-konvenuti da parte tagħhom jikkontendu li l-ħames filati in kwistjoni ma humiex komuni bejnhom u l-atturi għaliex dawn kienu ttellgħu minnhom a spejjez esklussivi tagħhom u siccome kienu l-atturi li ma tawx il-kunsens biex dawn il-ħames filati jitwaqqgħu bil-konsegwenza li, kif affermat*

*mill-konvenut stess, baqgħu in aria, huma l-istess atturi li esklussivament għandhom ibagħtu l-ispejjez relattivi għat-tlett filati addizzjonali li kellhom jinbnew.*

*...*

*Fil-fehma tal-Qorti l-konvenuti ma humiex ġustifikati f' li jirrifjutaw li jħallsu is-somma ta' €408.17 mitluba mill-atturi u dana għas-segwenti raġunijiet: fl-ewwel lok jekk il-konvenuti verament iqisu l-ħames filati in kwistjoni bħala unikament di proprjetà tagħhom huma ma jistgħux jeżimu ruħhom mir-responsabilità tagħhom għal tali ħames filati sempliċement billi jinħbew wara l-allegazzjoni li l-atturi ma ħallewhomx iħottuhom hekk kif twaqqa' l-garage. Jekk verament dawn il-ħames filati huma di proprjetà tagħhom biss allura l-konvenuti ma kellhomx iħossuhom marbutin bir-rifjut ta' l-atturi li dawn l-istess ħames filati jitwaqqgħu iżda kellhom l-obbligu li jimxu ai termini tal-Liġi u ċioè li bl-agir tagħhom ma joħolqux dannu u/jew periklu lill-atturi. Ladarba għażlu li jħallu dawk il-ħames filati jperpru u marbutin ma' xejn, issa neċessarjament għandhom iħallsu għall-ispiża neċessarja biex dawn il-ħames filati ġew rinforzati, jew aħjar marbuta, biex b' hekk ma jibqgħu ta' periklu għal ħadd. Apparti minn hekk u in realtà iktar minn hekk, mix-xhieda tal-konvenut jirriżulta li l-atturi kienu maż-żmien għamlu użu minn dawn il-ħames filati tal-ħajt bejn il-fondi in kwistjoni, użu li fil-fatt jirriżulta mir-ritratti a fol. 41 u 44 tal-proċess, u b'hekk ma jistax jibqa' jingħad u jitqies li dawk il-ħames filati baqgħu di proprjetà esklussiva tal-konvenuti – jekk qatt verament kienu hekk – iżda saru komuni bejn l-atturi u l-konvenuti flimkien mal-kumplament tal-ħajt diviżorju.*

*...*

*Ladarba dawk il-ħames filati kienu allura komuni bejn l-atturi u l-konvenuti neċessarjament japplika dak provdut fl-Artikolu 411 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta u ċioè li għat-tiswijiet jew għat-tlugħ mill-ġdid ta' ħajt komuni għandhom joħorġu sehem dawk kollha li għandhom jedd fuqu, kull wieħed bi proporzjon tal-jedd li jkollu. Ladarba f' dan il-każ sar neċessarju li jittellgħu tlett filati oħra biex il-ħames filati hajt, li spiċċaw in arija hekk kif twaqqa' l-garage tal-konvenuti, jiġu debitament marbuta, il-konvenuti għandhom iħallsu sehemhom minn ħajt addizzjonali, ossia is-somma ta' €408.17 effettivament mitluba mill-atturi.'*

12. Dwar dawn il-konsiderazzjonijiet u konklużjonijiet tal-Ewwel Qorti il-konvenuti appellanti ma għamlu l-ebda lment speċifiku. Jilmentaw iżda li:

- kien jinkombi fuq l-atturi biex jinfurmaw lill-konvenuti sabiex jerġgħu jinkarigaw lill-perit biex jagħmel rapport ieħor meta raw li l-ispiża tax-xogħlijiet kibret b'erba' darbiet;

- l-atturi kellhom dover li jagħmlu rapport tal-ħsarat kollha allegatament kawżati mill-konvenuti qabel ma pproċedew bix-xogħlijiet inkwantu

llum huwa ferm diffiċli għalihom li jippruvaw li tali ħsarat ma ġewx kaġunati minnhom; u

- f' dawn il-proċeduri ma ġie maħtur l-ebda espert biex jagħmel rapport dwar l-entità tax-xogħlijiet u għalhekk l-atturi naqsu jressqu l-prova dwar l-allegati ħsarat.

13. Dwar il-prinċipji prevalenti in materja ta' provi:

> *'Huwa ben magħruf fl-ordinament ġuridiku tagħna illi kif rifless minn bosta deċiżjonijiet jeżistu żewġ prinċipji fundamentali:-*
>
> *(i) Il-wieħed illi l-evalwazzjoni tar-riżultanzi probatorji hu rimess għal liberu konvinċiment ta' min ikun imsejjaħ biex jarbitra. Dan fis-sens li bil-poter diskrezzjonali lilu affidat hu jislet mill-provi dawk l-elementi li hu jqis l-aktar verosimili u idoneji għall-formazzjoni tal-konvinċiment, u jwarrab u jiskarta oħrajn li hu jidhirlu li huma hekk inkompatabbli mad-deċiżjoni adottata;*
>
> *(ii) It-tieni prinċipju hu wkoll bażat fuq ġurisprudenza konkordi fejn din tirritjeni li dik il-valutazzjoni hi insindakabbli minn Qorti ta' revizjoni jekk din tirriżulta waħda raġonevoli u koerenti ma' l-elementi utilizzati u tkun sorretta minn motivazzjoni adegwata;*[5]

14. Għal dak li jikkonċerna l-ewwel prinċipju, kif jirriżulta mis-suespost, l-Ewwel Qorti qieset il-provi li kellha quddiemha u waslet għall-konvinċiment tagħha abbażi ta' dak li xehedet l-attriċi kif korraborat mill-atti, inkluż, provi dokumentarji u x-xhieda l-oħra, inkluż dak li qal il-konvenut stess. Rapport ieħor ta' ħsarat oħra u x-xogħlijiet rimedjali konsegwenzjali, oltré dawk stabbiliti mill-perit Vinċenti Magri fir-rapport tiegħu tal-14 ta' Settembru 2008, kif pretiż mill-konvenuti appellanti, bl-ebda mod ma kien indipensabbli sabiex tirnexxi t-talba attriċi kif jikkontendu fl-appell tagħhom. Inoltre, tali '*nuqqas*' lamentant mill-konvenuti appellanti, bl-ebda mod ma jxejjen l-fatt li l-provi in atti kienu suffiċjenti sabiex jissodisfaw il-konvinċiment tal-Ewwel Qorti li t-talba attriċi hija ġustifikata u jistħoqq li tiġi milqugħa. Jingħad ukoll li jekk il-konvenuti deherilhom li kien neċessarju li jitqabbad espert biex jagħmel rapport dwar l-entità tax-xogħlijiet, kellhom kull fakoltà li javvanzaw tali talba quddiem l-ewwel Qorti u, fin-nuqqas, ma jistgħux f'dan l-istadju javvanżaw tali pretest biex jittentaw jimpunjaw is-sentenza appellata.

15. Inoltré, apparti li l-fatt li l-konvenuti appellanti ma ndividwaw l-ebda motivi gravi li jimmeritaw li din il-Qorti tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel qorti, '*l-aggravji*' tal-konvenuti ma jammontaw għall-ebda ċensura speċifika fil-konfront tar-raġonament tal-prim' istanza. F' dan il-kuntest, din il-Qorti tirreferi għat-tagħlim ġurisprudenzjali segwenti:

[5] ***Shirley Xuereb vs Direttur tas-Sigurta` Soċjali***, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), 22 ta' Novembru, 2006.

*'Id-disposizzjoni ta' l-Artikolu 143 (1) tal-Kapitolu 12 li tirrikjedi "riferenza għat-talba u għas-sentenza li tkun qegħda tiġi appellata flimkien ma' raġunijiet dettaljati li għalihom ikun qiegħed isir l-appell", timplika illi l-appellanti hu fid-dover li jindividwa l-punti tal-gravami tiegħu u dik taċ-ċensuri speċifiċi li l-appellanti jintendi jressaq lill-Qorti tat-tieni grad fil-konfront tar-raġonament tat-tribunal ta' l-ewwel istanza. Ma jitqiesx suffiċjenti u skond il-liġi illi l-appellanti jillimita ruħu għar-ripetizzjoni tat-talba tiegħu kif ifformulata quddiem it-Tribunal jew għal riproduzzjoni bi kliem ieħor tan-Nota ta' l-Osservazzjonijiet iżda għandu għal kuntrarju iressaq aggravji li jirrelataw ma', u jemergu minn, konsiderandi tas-sentenza appellata. Ara f' dan l-istess sens id-deċiżjoni in re: "**Lino Debono -vs- Avv. Toni Abela LL.D.**", Appell, 6 ta' Ottubru, 2000. Naturalment, l-individwazzjoni tal-punti ta' kritika m' għandhiex għalfejn tikkonsisti f' enunċjazzjoni rigoruza u formalistika jew l-adoperu ta' xi skema partikulari imma jibbasta illi għas-sostenn ta' l-appell tingħata esposizzjoni ċara u univoka tal-motivi dettaljati kontrastanti s-sentenza. Jekk anké dan il-minimu ma jigix osservat l-appell ma jistax ħlief jitqies inammissibbli.* [6]

16. F' kull każ, fir-rigward tat-tieni prinċipju in materja ta' provi 'l fuq enunċjat, mill-kumpless tal-provi u minn eżami akkurat tagħhom, speċjalment (i) fid-dawl tal-fatt li qabel ma nbdew ix-xogħlijiet fil-fond tal-konvenuti, l-fond ta' l-atturi ġie ċċertifikat li kien fi stat ta' manutenyjoni tajba mill-Perit tal-konvenut stess; (ii) l-ħsarat li tagħhom qiegħed jintalab kumpens huma affini għal ħsarat riżultanti b'konsegwenza ta' tħaffir eżegwit mill-konvenuti appellanti, u (iii) ix-xhieda ta' Philip Chircop, din il-Qorti hi għal kollox sodisfatta illi d-deċiżjoni impunjata hi sew motivata u l-konklużjoni ġuridikament korretta.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.

[6] ***Abdelaziz Dhaidi vs Bortex Clothing Industry Company Limited***, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), deċiża fit-23 ta' Ottubru, 2009.